MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Numru. 866/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs.**

**Emanuel Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Abela** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 84769(M), iben Lawrence u Emanuela neé Demarco, imwieled Tarxien fit-22 ta' Jannar 1969 u residenti gewwa Nru. 1, Triq tax-Xewk, Paola, akkuzat talli:

1. fit-3 ta' Marzu 2011 ghall-habta ta' bejn il-01.30pm u s-02.00pm gewwa *Associated Marketing Limited* li jinsab f'numru

12, Triq l-Gharghar 1979, Qormi kkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal bejn €150.00 u €250.00 liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna, u li sehh a detriment tal-istess kumpanija;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, ha fil-pussess tieghu minghajr permess tas-sid, diversi *invoices* u €381.00 kontanti, a detriment tal-kumpanija *Associated Marketing Limited*;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Antonia Vella sabiex jingurjaha, jdejjaqha jew jaghmlilha hsara;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Antonia Vella biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Emanuel Schembri sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Emanuel Schembri biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu;

7. ikkommetta ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

8. ikkommetta reati ohrajn waqt li kien taht *conditional discharge*;

9. ikkommetta reati ohrajn waqt li kien taht *Probation Order*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SZ 1" – *a fol* 14).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 27).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 79), lill-Prosekuzzjoni tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tad-difiza (*a fol.* 80 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehed **PS 487 Reuben Balzan** (*a fol.* 28 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "RB 1" (*a fol.* 35 *et seq.*) Jghid li fit-3 ta' Marzu 2011 certu Antonia Vella Bonanno, direttrici tal-kumpanija *Associated Marketing Limited*, irraportat illi li dakinhar ghall-habta tas-1.30pm mar l-imputat (*delivery man* maghhom) u s-siehba tieghu u beda jitlobha l-paga u hi ma kienitx lestha li taghtihielu minhabba li kien hadilha xi *invoices* u madwar €331. Jghid li l-*partner* tal-imputat hebbet ghalih u l-imputat, hu u hiereg mill-kumpanija, seraq madwar €150- €250 minn go kexxun. Jghid li lill-imputat kellmu u hu nnegga li kien seraq u qallu li kien lest jaghti l-flus u l-*invoices* basta l-imghallma taghtih il-paga. Jghid li hu kellem ukoll lil certu Emanuel Schembri li jahdem mal-kumpanija msemmija li stqarr li sema l-qanpiena, baqa' fl-i*stores*, sema' xi storbju mar jara x'gara, ra lill-imputat u s-siehba tieghu, sema lill-imputat jghid *"aghtini l-paga"* u rah sejjer fuq kexxun li fih kien

hemm il-flus, ha l-flus u tefaghhom gol-but. Schembri qallu li l-imputat hebb ghalih pero ma messux.

In kontro-ezami mistoqsi jekk qalulux f'liema parti tal-*premises* kien jinsab il-kexxun li ghamel riferenza ghalih, wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jghid jekk il-kwerelanta qaltlux f'liema but dahhal il-flus l-imputat, wiegeb fin-negattiv. Jghid li qaltlu li dahhalhom bil-but. Ma qaltlux jekk hux but ta' qmis jew ta' gakketta, jew jekk hux tal-lemin jew tax-xellug. Anqas Schembri ma qallu. Jghid li kieku qalulu kien inizzlu fir-rapport. Jixhed li rrizultalu li x-xoghol tal-imputat kien dak ta' *delivery man*.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehdet **Antonia Vella** (*a fol. 47 et seq.*) fejn qalet li hija tidderigi il-kumpanija *Associated Marketing Limited* li tinsab f'Hal-Qormi. Tispjega li l-imputat kien jahdem maghhom ghal madwar disa' xhur bhala *part-time delivery man* u li lejn l-ahhar tal-impieg tieghu kien jaghmel *deliveries* u jdum hafna u wara li kienet tircievi kontijiet tas-CVA, minkejja li ma kienx ikollu *deliveries* l-belt Valletta, iddecidiet li titterminalu l-impieg fl-1 ta' Marzu 2011. Tghid li dakinhar li tterminatlu l-impieg, fuqu l-imputat kellu flus tad-*deliveries* li jammontaw ghal €353.45, liema flus baqa' ma tahomliex ghax meta tterminatlu l-impieg qabad u ha l-karti tad-*deliveries* u l-flus. Tispjega li fit-3 ta' Marzu 2011 ghal xi 1.30pm rat mara ccempel il-qanpiena wara l-antiporta u marret tiftah u f'daqqa wahda rat lill-imputat jigri ghaliha qisu *"annimal feroci"* u qalilha biex taghtih il-paga. Tghid li qaltlu li l-paga taghtihielu basta l-ewwel jaghtiha l-flus tad-*deliveries.* Il-flus baqa' ma tahomliex. Tixhed li l-imputat kompla dahal jghajjat jigri 'l gewwa, dahal fl-ufficju taghha jghajjat li jrid il-flus tal-paga u hi baqghet tinsisti li l-ewwel jaghtiha l-flus tad-*deliveries*. Tghid li l-imputat dahal fl-ufficju taghha, dahal wara l-iskrivanija, fetah il-kxaxen kollha, tefghalha l-affarijiet mal-art u baqa' jghidilha li jrid il-paga. Tispjega li l-imputat beda jsabbat u jghajjat u li l-persuna li kien hemm mal-imputat bdiet tiblackmaljha b'CD. Tghid li hi (Antonia Vella) kienet qieghda hdejn l-imputat izzommu milli jkompli jiftah il-kxaxen u l-persuna li kienet mieghu bdiet iggebbdilha xaghrha u tghajjat. Tghid li sadanittant gie s-*salesman* Emanuel Schembri li pprova jwaqqaf lill-imputat, liema Schembri safa attakkat mill-imputat. Tghid li dan Schembri qalilha li meta l-imputat kien hiereg, l-imputat fetah il-

kexxun ta' *cabinet* zghir li fih ikun hemm il-*cash*, u li hu jaf b'dan, u ha l-flus. Tghid li dan ma ratux. Malli Schembri qalilha b'dan, hi harget wara l-imputat u qaltlu biex jaghtiha dawk il-flus li kien ghadu kemm hadilha wkoll. Mistoqsija tghid kemm ha flus mill-kexxun l-imputat, tghid li kkalkulaw li ha €200.00.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsija tghid kemm kien jammonta l-ammont tal-paga tghid li dan kien €233.66. Tghid li kien hemm multa minhabba l-uzu tal-van li kienet tammonta ghal €46.65 liema ammont kienet ser tnaqqsu mill-paga. Ezebit in-notamenti li xehdet fuqhom li gew immarkati bhala Dok. "AV 1" (*a fol.* 52 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Emanuel Schembri** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem ma' Antonia Vella. Jghid li l-imputat kien jahdem maghhom. Jghid li dakinhar tat-3 ta' Marzu 2011 kien qieghed l-i*store* u sema' hafna ghajjat fl-ufficjju u mar jara x'kien qed jigri u sab lill-imputat jghajjat ma' Antonia Vella. Jghid li l-imputat beda jimbuttaha u jghidliha biex taghtih il-paga. Jghid li l-imputat beda jaqbad il-kxaxen tal-iskrivanija u jitfaghhom mal-art. Jghid li hu (Schembri) dahal fin-nofs u l-imputat lilu beda jghidlu biex jitlaq l-hemm. Jghid li mal-imputat kien hemm xi hadd iehor li beda jigbed xaghar Vella. Jghid li l-imputat lilu kemm imbuttah u qallu biex jersaq 'l hemm. Jghid li f'hin minnhom l-imputat fetah kexxun li fih ikun hemm xi flus, qabad il-flus u dahhalhom fil-but. Mistoqsi jghid jekk jafx kemm kien hemm flus, wiegeb fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li huwa ghadu jahdem mal-kumpanija *Associated Marketing Limited*. Ikkonferma wkoll li Antonia Vella hija l-imghallma tieghu.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 261(c), 261(d), 267 u 268 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq u bil-kwalifiki tal-valur u tal-persuna. L-ewwel li ser taghmel il-Qorti huwa li ser tikkunsidra r-reat ta' serq *per se* u, f'kaz li dan jigi pruvat, tikkunsidra z-zewg kwalifiki msemmija.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
>
> (ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, mill-atti processwali, jirrizulta li meta Antonia Vella marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, hija, fost l-ohrajn, irraportat li waqt li l-imputat kien hiereg il-barra mill-ufficcju huwa fetah kexxun fejn izommu xi flus kontanti u ha b'madwar €150-€250. Dan jirrizulta kemm mir-rapport redatt minn PS 487 Reuben

Balzan (Dok. "RB 1" – *a fol.* 35 *et seq.*) u kif ukoll mix-xiehda moghtija minn Antonia Vella (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn filwaqt li ddeskriviet dak li gara fit-3 ta' Marzu 2011 qalet ukoll x'kien qalilha l-impjegat taghha Emanuel Schembri meta ra lill-imputat jiftah kexxun u jiehu xi *cash* li kien hemm fih. Da parti taghha, Vella tghid li ma ratx lill-imputat jaghmel hekk.

Illi huwa biss ix-xhud Emanuel Schembri li ra lill-imputat jiehu l-flus mill-kexxun. Fix-xiehda moghtija minnu, Emanuel Schembri (*a fol.* 65 *et seq.*) jiddeskrivi x'ghamel l-imputat meta huwa fetah kexxun li fih ikun hemm xi flus, u qabad dawn il-flus u dahhalhom fil-but. Il-Qorti, filwaqt li tinnota li f'dawn il-proceduri ma giet ezebita l-ebda stqarrija rilaxxata mill-imputat u li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi in difeza, hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghall-fatt li fir-rapport redatt minn PS 487 Reuben Balzan hemm imnizzel illi l-imputat stqarr li fl-ebda hin ma kien prova jiehu jew ha xi flus mill-kexxun.

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni moghtija fil-31 ta' Ottubru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artiklu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artiklu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artiklu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xiehda taghhom u jekk x-xiehda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Mazzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

> *"Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li jirrikjedi li jsir *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u serenament tasal ghal konkluzjoni, u dana minkejja dak li qalet id-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 80 *et seq.*) fir-rigward tal-fatt li Emanuel Schembri huwa impjegat tal-parti leza, illi x-xiehda moghtija minn Emanuel Schembri hija wahda kredibbli u veritjiera u b'hekk ghandha titwemmen. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-komportament ta' Emanuel Schembri fuq il-pedana tax-xhud u l-fatt li Emanuel Schembri ma korroborax xi haga li qalet l-imghallma tieghu pero qal u xehed biss rigward stat ta' fatt li ra hu biss isir!

Illi, ghal dawn ir-ragunijiet, hija tal-fehma li l-imputat ghandu jigi misjub hati talli kkommetta serq ta' flus. Issa l-Qorti ser tikkunsidra, il-kwalifiki tal-valur u tal-persuna. Fir-rigward tal-kwalifika tal-<u>persuna</u>, il-Qorti tinnota li d-difiza ghandha ragun meta fis-sottomissjonijiet taghha qalet li din il-kwalifika ma tapplikax *stante* li dakinhar tat-3 ta' Marzu 2011, cioé meta sehh l-akkadut, l-imputat ma kienx ghadu impjegat tas-socjeta' *Associated Markeing Limited* u dana *stante* li kif jirrizulta mix-xiehda moghtija minn Antonia Vella (*a fol.* 47 *et seq.*) l-impieg tal-imputat gie terminat fl-1 ta' Marzu 2011. Ghalhekk il-kwalifika tal-persuna ma giex pruvat. Fir-rigward tal-kwalifika tal-<u>valur</u>, il-Qorti tinnota li fix-xiehda taghha Antonia Vella tghid li gie kalkulat li mill-kexxun

ittiehed l-ammont ta' €200.00. Mid-depozizzjoni ta' Antonia Vella ma jirrizultax kif sar dan il-kalkolu. Dan ma jirrizultax lanqas min-notamenti li xehdet fuqhom Antonia Vella, liema notamenti gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "AV 1" (*a fol.* 52 *et seq.*). B'hekk ma jistax jinghad li l-kwalifika tal-valur gie pruvata. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, minghajr il-kwalifiki tal-valur u l-persuna.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi fit-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' *ragion fattasi*. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u
>
> (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell

> Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, *del resto*, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li dakinhar tat-3 ta' Marzu 2011 l-imputat mar l-ufficju tal-*Associated Marking Limited* sabiex jitlob il-paga li kien ghad fadallu jithallas minghand l-imghallma tieghu Antonia Vella. Jirrizulta li meta Antonia Vella marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija hija rapportat li dakinhar tat-3 ta' Marzu 2011, l-imputat u s-siehba tieghu marru l-ufficju u li l-imputat beda jitlobha l-paga, liema paga ma kienitx lestha li taghtihielu qabel l-imputat jirritorna lura l-*invoices* tad-*deliveries* li kien fadallu u madwar €381 li kienu ghadu fuqu dakinhar li giet tterminat l-impieg tieghu. Dan jirrizulta mir-rapport (Dok. "RB 1" – *a fol.* 35 *et seq.*) redatt minn PS 487 Reuben Balzan. Fid-depozizzjoni tieghu, PS 487 Balzan jghid li l-imputat qallu li hu kien lest jaghti l-flus u l-*invoices* lil Antonia Vella basta hi ttih il-paga (*a fol.* 29). *Da parte* taghha, Antonia Vella (*a fol.* 47 *et seq.*) ikkonfermat li dakinhar li gie tterminat l-impieg tal-imputat, huwa kellu fuqu flus tad-*deliveries* li jammontaw ghal €353.45 kif ukoll karti tad-*deliveries*, liema karti u liema flus baqa' ma tahomliex. Ikkonfermat li lill-imputat qaltlu li hija kienet lestha taghtih il-paga basta l-ewwel jaghtiha l-flus tad-*deliveries* u l-*invoices.*

Illi l-Qorti, ghal darb'ohra, taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pac**e, liema decizjoni giet kwotata fil-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

konsiderazzjonijiet fir-rigward l-ewwel (1) imputazzjoni. Il-Qorti tinnota li x-xiehda moghtija minn Antonia Vella, fejn hija qalet li fuq l-imputat kien hemm ammont ta' flus u *invoices* li huwa rrifjuta li jaghtiha lura, ghandha mis-sewwa. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ezaminat l-imgieba u l-komportament tax-xhieda mressqa, b'mod partikolari ta' Antonia Vella. Apparti minn dan, il-Qorti hija sodisfatta li effettivament l-imputat zamm ghandu l-*invoices* u l-flus li kien gabar fl-ahhar gurnata tal-impieg tieghu. Dak li mhijiex sodisfatta minnu l-Qorti huwa kemm kien l-ammont ta' flus li zamm ghandu l-imputat. Fl-atti ma jirrizultawx provi konkreti dwar kemm kien l-ammont ta' flus li zamm ghandu l-imputat. Minkejja dan u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward ta' elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' *ragion fattasi*, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li dawn l-elementi gew pruvati u b'hekk it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata bil-konsegwenza li l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jaghmlu riferenza ghad-data tat-3 ta' Marzu 2011. Mic-*charge sheet"*[2] kontenenti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizulta li tali *charge sheet* gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Lulju 2011. L-ewwel darba li deher l-imputat f'dawn il-proceduri kien fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2011. Tenut kont tal-fatt li t-tielet (3) imputazzjoni hija kontravenzjoni u tenut kont tal-fatt ta' dak li jiddisponi Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx dubju li l-imputazzjoni imsemmija hija preskritta. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara t-tielet (3) imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell

[2] *A fol.* 1 u 2.

Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. M'hemmx dubju li ghandu jigi pruvat li kien hemm *course of conduct* sabiex l-imputat jigi misjub hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li, f'dan il-kaz, dan il-*course of conduct* ma jirrizultax ghaliex fil-kaz odjern jirrizulta li kien incident ta' darba, li sehh f'jum wiehed fl-istess hin. Fl-ebda mument ma jirrizulta li l-imputat telaq u rega' mar lura fl-ufficju. Ghaldaqstant, ir-raba' (4) imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-kunsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, jappikaw ukoll ghall-hames (5) imputazzjoni. Ghaldaqstant, ghall-istess raguni bhat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-hames (5) imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-kunsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, jappikaw ukoll ghas-sitt (6) imputazzjoni. B'hekk, ghall-istess ragunijiet bhar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti ser tillibera lill-imputat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Is-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi fis-seba' (7) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv. Ghandu jinghad li l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopji ta' erba' sentenzi li gew immarkati minn Dok. "CF 1" sa "CF 4" (*a fol.* 56 *et seq.*). f'liema sentenzi l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfronti taghhom inghataw is-sentenzi huma identici[3] ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputat odjern. Ghandu jinghad li mentri fis-sentenzi li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "CF 1" (*a fol.* 56 *et seq.*) u Dok. "CF 4" (*a fol.* 64) il-piena kienet dik tal-multa, fis-sentenzi li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "CF 2" (*a fol.* 58 *et seq.*) u Dok. "CF 3" (*a fol.* 61 *et seq.*) il-piena kienet dik ta' ordni ta' *probation*. Il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lydon Cutajar**, moghtija fis-6 ta' Frar 2013, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Issa, kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara, per ezempju, f'dar-rigward l-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra** deciz fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. George Desira** deciz fid-9 ta' Jannar 2013. Imbaghad Ordni ta' Protezzjoni skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija mizura li suppost tintuza fil-konfront ta' "l-akkuzat" u mhux fil-

[3] Ghajr ghad-data tat-twelid tal-imputat fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "CF 3" (*a fol.* 61 *et seq.*), fejn tali data giet erronjament indikata bhala 12 ta' Jannar 1969 meta mis-sentenzi l-ohra, inkluz mic-certifikat tat-twelid tal-imputat (Dok. "SZ 2" – *a fol.* 15), jirrizulta li d-data tajba tat-twelid hija dik tat-22 ta' Jannar 1969.

> konfront tal-"hati". *Inoltre* ma tistax titqies "piena" peress illi, a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-pieni huma dawk elenkati fl-imsemmi artikolu. Ghalhekk zgur ma japplikax l-Artikolu 50 f'kaz li jigi kommess delitt sussegwenti.
>
> Kwantu ghal-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirrizulta illi fis-27 ta' Awissu 2012 din kienet ghadha ma thallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. "MB" *a fol.* 24 – 26), allura l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv biss taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**It-Tmien (8) Imputazzjoni**
**(Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi mill-erba' sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni, liema sentenzi gew immarkati bhala Dok. "CF 1" sa "CF 4" (*a fol.* 56 *et seq.*), fl-ebda wahda mis-sentenzi ezebiti ma jirrizulta li l-imputat kien inghata *conditional discharge* kif jinghad fl-imputazzjoni msemmija. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mit-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Id-Disa' (9) Imputazzjoni**
**(Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi f'zewg sentenzi (Dok. "CF 2" – *a fol.* 58 *et seq.* u Dok. "CF 3" – *a fol.* 61 *et seq.*) ezebiti mill-Prosekuzzjoni, liema sentenzi, kif inghad hawn fuq, jirrizulta li gew moghtija kontra l-imputat fil-kawza odjerna, jirrizulta li l-imputat kien inghata ordni ta' *probation*. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1) imputazzjoni (minghajr il-kwalifiki tal-valur u tal-persuna), it-tieni (2) imputazzjoni, is-seba' (7) imputazzjoni u d-disa' (9) imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "SZ 3" – *a fol.* 16 *et seq*) tal-imputat u n-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma titrattax mal-imputat ghar-reati li taghhom kien inghata provedimenti a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, tiddikjara t-tielet (3) u l-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat bhala preskritti u konsegwentement estinti, ma ssibx lill-imputat hati, fuq nuqqas ta' provi, tal-kwalifiki tal-valur u tal-persuna ndikati fl-ewwel (1) imputazzjoni u ma ssibux hati wkoll tar-raba' (4), tas-sitt (6) u tat-tmien (8) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah mill-kwalifiki tal-valur u tal-persuna ndikati fl-ewwel (1) imputazzjoni u tilliberah ukoll mir-raba' (4), mis-sitt (6) u mit-tmien (8) imputazzjonijiet u, wara li rat Artikoli 49, 85, 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Emanuel Abela hati tal-ewwel (1) imputazzjoni [minghajr l-ebda kwalifika], tat-tieni (2) imputazzjoni, tas-seba' (7) imputazzjoni u tad-disa' (9) imputazzjoni u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru disgha (9) taghzel li ma titrattax mal-imputat ghar-reati li taghhom kien inghata provedimenti a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati, cioé l-ewwel (1) imputazzjoni [minghajr l-ebda kwalifika], it-tieni (2) imputazzjoni u s-seba' (7) imputazzjoni, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Emanuel Abela ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Antonia Vella u Emanuel Schembri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------